MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Avviz Numru. 1441/2000/1

**Grima Communications Limited**

**Vs**

**Charles Debono u b'digriet tad-19 ta' Gunju 2002 is-socjeta Debono Holdings Ltd giet kjamata in kawza.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghanudx jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' mitejn u seba' u tmenin lira u hamsin centezmu (Lm287.50) liema somma tirraprezenta bilanc tal-valur ta''reklami li l-konvenut ordna biex jixxandru fuq l-istazzjoni tas-socjeta attrici u li baqghu ma thallsux minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll il-prospett anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-proprjeta’ Vines Restaurant, St George’s Road, St. Julians hija proprjeta ta Debono Holdings Limited u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi lliberat mill-ossevanza tal-gudizzju.
2. Illi bla pregudizzju ghal premess huwa ma qabbadx il Live FM biex jaghmlu xi reklami wara li Gordon Caruana kien talab lill-konvenuti Debono Holdings Limited biex ihallsu depositu ta’ Lm100 bil-quddiem li ma giex accettat mill-konvenuti.
3. Illi ghalhekk il-kuntratt ghar-reklamar ma sehhx ghax il-konvenut ma ftiehemx li jhallas id-depositu rikjest pero’ xorta wahda minghajr ftehim is-socjeta’ attrici ghamlet reklamar li ma kienx pattwit.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha moghti ‘seduta stante’ fid-19 ta’Gunju 2002 u li jinsab a fol 18 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta’ kjamata in kawza (fol 19 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.
2. Illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandha taghti xejn lis-socjeta’ attrici, u dana, fost ragunijiet ohra minhabba l-fatt illi meta l-istess socjeta’ konvenuta rrifjutat li thallas id-depositu ta’ Lm100 mitlub minn Gordon Caruana, l-istess Caruana nforma lis-socjeta’ konvenuta illi jekk id-depositu ma jithallasx, is-servizz ma kienx ser jinghata, u ghaldaqstant il-ftehim ta’ bejn il-partijiet waqa’.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta' Joseph Grima (fol 25 u fol 26 ibid), dan semma' li f'dan il-kaz, hu kien ra il-kuntratt in kwistjoni minn fejn kien jidher illi 'irrizultalna ("l-impressjoni li ghandi") li anqas id-depositu ma kien thallas, avolja kellna weghda ghal dan". Pero ix-xhud qal ukoll li l-istess kuntratt ma setax jigi esebit peress li l-post minn fejn kien jitmexxa l-istazzjoni tar-radju in kwisjonti kien inharaq bl-"…. Arkivju li nharaq kollu". Oltre dan, hu sostna, ukoll, illi r-reklami imsemmija fl-avviz kienu gew trasmessi.

Illi Michael Zammit, in rappresentanza tad-ditta "Commercial Services Bureau" ("CSB") li kienet tiehu hsieb il-fatturi tas-socjeta attrici u attivitajiet relattivi spjega illi, sabiex jkun jista' jesegwixxi dan l-inkarigu "… kont noqghod fuq dan li kien jghidli Gordon Caruana l-'station manager' ". Inoltre hu esebixxa il-prospett u fattura li jinsabu annessi mal-atti a fol 29 u fol 30 u specifika ukoll li "…. Ma jirrisultax li kien thallas depositu in konnessjoni ma dan il-kaz".

Illi Gordon Caruana gja imsemmi (fol 31 sa fol 33 tal-atti) spjega illi kien jew "… jidhirli tnejn, fosthom Charles Debono li qed nara fl-awla" kif ukoll hu l-istess konvenut. Hu kompla biex jghid li "Wasalna fi ftehim dwar ir-reklamar wara xi ghoxirn minuta niddiskutu" u l-kuntratt relattiv kien gie ffirmat. Inoltre l-istess konvenut kien informah illi kien ser jibghat id-"deposit" ta' Lm100. Dwar l-istess ftehim bil-miktub, ix-xhud qal li dan kien gie ffirmat minnu u "minn wiehed mill-ahwa Debono biss. Ma niftakarx liema wiehed. Ma niftakarx jekk minn iffirma, iffirma jew le, f'isem kumpanija"

Illi, filfatt, a fol 44 tal-atti tinsab fotokopja ta' dan il-ftehim. Minn dan id-dokument wiehed jista' jara illi dan id-dokument kien gie ffirmat minn Gordon Caruana u,

presumibilment, minn Charles Debono, personalment. Dan qed jinghad a basi tal-fatt illi wara "Customer name" hemm specifikatament imnizzel ' Charles Debono' ". Skond l-istess ftehim, l-istazzjoni in kwistjoni kienet obligat ruhha li tittrasmetti fil-perijodu bejn is-6 ta' Gunju 1997 u il-5 ta' Lulju 1997, ir-reklami ordnati fil-granet u hinijiet specifikati fl-istess ftehim u dan versu l-prezz ta' Lm287.50. F'dan il-kuntest, jigi sottolineat illi fl-istess ftehim ma hemmx imnizzel illi l-konvenut kien obbligat li jhallas depositu ta' Lm100 u li fin-nuqqas ta' tali pagament l-istess ftehim ghandu jigi ritenut bhala xolt. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax taccetta dak li ssottometta l-konvenut (a fol 39 tal-atti) li "Ahna insistejna, minhabba li rrifjutajna li jhallsu dawn il-Lm100, li d-'deal' ma sarx".

Ikkunsidrat

Illi tenut kont ta' dak li gie premess il-Qorti tara li kien intlahaq ftehim bejn is-socjeta attrici u l-konvenut, liema ftehim gie onorat mill-istess socjeta attrici, kif sostna l-istess Gordon Caruana a fol 32 fir-raba (4) paragrafu.

Illi ghalhekk, it-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tillibera s-socjeta kjamata in kawza mill-osservanza tal-gudizzju u tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut personalment u tikkundanna lill-konvenut, Charles Debono sabiex ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm287.50,0 bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------